- *Ħtieġa o meno tal-preżenza fiżika tal-konvenut fi proceduri sommarji speċjali (Giljottina)*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 10 ta' Diċembru 2020**

**Rikors Guramentat Nru. 1078/20 GM**

**Ludovico Ausano Filotto (detentur tal-Passaport Taljan Nru. YA4611207) residenti f'Chemin de la Fauvette 64 Bis, 1012 Lausanne, l-Isvizzera kif debitament irrappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Antoine Cremona (ID11980G) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta VLT1455, Malta**

***vs***

**Hi Sky Ltd (C 79660)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur Filotto u l-konvenuta Hi Sky Ltd ('**Hi Sky**') daħlu f'*Facility Agreement* fid-9 ta' Jannar 2019 (il-"**Ftehim**") li permezz tiegħu ingħatat facilita` ta' kreditu fl-ammont ta' € 1,500,000 (il-'**Faċilita**') lill-konvenuta. Il-Faċilita` li b'kollox tammonta għal €1,500,000 ġiet kompletament miġbuda *ai termini* tal-Ftehim.

L-uniċi pagamenti li għamlet is-soċjeta` konvenuta bħala ħlas tas-sorte kienu l-pagamenti segwenti:

a. € 100,000 li kien ġie mħallas fid-9 ta' Settembru 2019; u
b. € 80,000 li kien ġie mħallas fl-10 ta' Settembru 2019.

Klawsola 6.1 tal-Ftehim li hija ntitolata 'Repayment' tistipula li l-ħlas lura tal-Facilita' kellha ssir bil-mod segwenti:

*(i) € 500,000 to be repaid on the anniversary of the fifth ($5^{th}$) month from the date of this Agreement;*

*(ii) the rest will be paid in monthly instalments, in the amount of € 55,555.56, the first instalment falling due on the date which is six (6) months after the date of this Agreement [...].*

Skont Klawsola 9.1 tal-Ftehim li hija ntitolata 'Borrower's Events of Default', ikun hemm inadempjenza meta s-soċjeta` konvenuta ma' tħallasx l-ammont prinċipali (sorte) jew l-imgħaxijiet dovuti, u meta '*such failure continues for a period of five (5) Business Days after the Lender notifies the Borrower of such failure*'.

In vista tan-nuqqas da parti tal-konvenuta biex tħallas lura l-ammonti dovuti kif jirrikjedi l-Ftehim, hija ġiet notifikata dwar din l-inadempjenza tagħha permezz ta' notifika dwar inadempjenza datata 13 ta' Ottubru 2020 ("**Notice of Default**") (hawn annessa w immarkata bħala '**Dok. LF2**') li ġiet mibgħuta mill-attur lill-konvenuta Hi Sky ai termini ta' Klawsola 11 tal-Ftehim li hija ntitolata 'Notice', li kienet notifika finali w kienet tikkontjeni rikjesta biex l-konvenuta tħallas l-ammont prinċipali w l-imgħaxijiet dovuti kif indikati fl-imsemmija Notice of Default f'ħames *business days* mid-data tan-notifika.

Malli għaddew l-ħames *business days* mid-data tan-Notice of Default, l-attur bagħat Declaration of Payment Due datata 21 ta' Ottubru 2020 ("**Declaration of Payment Due**") (hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. LF3**') lill-konvenuta, li tistipula li skont Klawsola 9.2.b u l-Klawsola 9.2.c tal-Ftehim, l-bilanċ tal-Faċilita' dovut bħalissa huwa €1,320,000 ("**Sorte Dovut**"), flimkien ma l-imgħaxijiet dovuti mill-1 ta' Jannar 2020 sal-lum, li s'issa jammonta ghal €89,096 (l-'**Imgħaxijiet Dovuti**') skont in-Notice of Default (is-Sorte Dovut u l-Imgħaxijiet Dovuti flimkien ser jissejħu l-"**Ammont Dovut**") ġew iddikjarati bħala dovuti u pagabbli immedjatament.

Flimkien mal-Ammont Dovut, l-attur qiegħda titlob il-ħlas tal-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv ai termini tal-Klawsola 4 intitolata 'Interest' li tinsab fil-Ftehim.

L-attur fuq ġurament jiddikjara inekwokivament li s-soċjeta` konvenuta m'għandha ebda raġuni valida skond il-liġi biex tikkontesta l-Ammont Dovut taħt il-Facilita', liema ammonti huma ċerti, likwidi w dovuti minkejja li s-soċjeta` konvenuta ma onoratx l-obbligazzjonijiet ghall-ħlas lura ai termini tal-Ftehim.

Safejn jaf l-attur, is-soċjeta` konvenuta m'għandha ebda eċċezzjoni li tista' tressaq kontra t-talba tiegħu, w għalhekk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din il-Qorti tilqa' din it-talba mingħajr ma jkun hemm proċediment ghas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tipproċedi biex tilqa' t-talba tiegħu f'proċediment sommarju speċjali w mingħajr ma jkun hemm is-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta naqset milli tħallas lura l-ammonti dovuti skont il-ftehim dwar il-faċilita` ta' kreditu datat 9 ta' Jannar 2019.

3. tordna li s-soċjeta' konvenuta tħallas ll-attur l-bilanċ rimanenti ta' € 1,320,000, li jirraprezenta s-sorte dovut.

4. tordna lis-soċjeta' konvenuta biex tħallas l-ammont ta' € 89,096, li jirrapreżenta l-imgħaxijiet dovuti fuq il-Facilita mogħtija sat-30 ta' Settembru 2020, kif ukoll bl-imgħax skont il-Ftehim sad-data tal-pagament effettiv.

Rat li meta ssejħet il-kawża illum stess dehru l-avukati Dr Antoine Cremona u Dr Clemente Mifsud Bonnici għall-attur u l-avukat Dr Thomas Bugeja ghas-socjeta` konvenuta.

L-attur ippreżenta nota b*'memorandum and articles of association* tal-soċjeta` konvenuta u l-*company records* tagħha.

L-avukat Thomas Bugeja ippreżenta nota f'isem il-konvenuta b'għadd ta' dokumenti.

Dr Antoine Cremona għall-attur kif rappreżentat irrileva li ghall-finijiet tal-Art 167 u l-170 (1) tal-Kap 12 sabiex biss jressaq provi *prima facie* li jkunu jistghu jikkonvinċu l-Qorti tagħti dritt ghal difiża fuq talba ċerta, likwida u dovuta il-konvenut irrid jkun fiżikament preżenti għas-smiegh; li r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta` konvenuta f'dan il-każ hija vestita fiid-direttur uniku tagħha is-Sur Mario Cini li mhux preżenti fl-Awla u li kwindi s-soċjeta` konvenuta tilfet d-dritt li tagħmel rappreżentazzjonijiet ai termini tal-Art 170(1) tal-Kap 12.

L-avukat Thomas Bugeja għas-socjeta` konvenuta Hi Sky Ltd wieġeb li għandha dritt li tippreżenta provi u argumenti sabiex tipprova *'prima facie'* li għandha eċċezzjonijiet xi tqajjem u dan speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-uniku direttur Malti ma setax jattendi għal raġunijiet li dwarhom l-avukat ma kienx edott u li l-persuni li kienu involuti f'kull parti tan-negozju jinsabu l-Italja u ma setgħux jattendu fiċ-ċirkostanzi.

Dr Antoine Cremona oġġezzjona għall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti billi l-konvenuta ma kinitx preżenti.

Il-Qorti ddeċidiet li billi l-Art 170(1) jesiġi l-preżenza fiżika tal-konvenut li f'dan il-kaz hija nieqsa kienet sejra tghaddi ghall-pronunzjament tas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel talba tiegħu, l-attur talab lil din il-Qorti tipproċedi sommarjament bil-proċedura speċjali *ex*-Art. 167 et. seq. tal-Kap 12. Proċedura li ġiet introdotta fil-kodiċi ritwali tagħna bl-emendi estensivi li saru permezz tal-Ordinanza XV tal-1913. Din il-proċedura speċjali ġiet ikkupjata minn Order 14 tas-Supreme Courts of England kif kienet dak iż-żmien. Is-suċċessur ta' din l-Order hija CPR 24.2.[1]

Huwa minnu li l-proċedura in kwistjoni trid tiġi nterpretata b'mod strett għaliex hija waħda speċjali u eċċezzjonali fil-limitazzjonijiet kbar li tpoġġi għad-dritt ta' difiża tal-parti konvenuta. B'danakollu trid tiġi segwita xorta waħda; u waħda mir-rekwiżiti hi l-preżenza fiżika tal-parti konvenuti fil-jum tas-smiegħ. Meta l-konvenuta tkun korp morali, bħal ma hi l-konvenuta bħala soċjeta` kummerċjali, id-dehra personali ssir permezz ta' rappreżentant jew rappreżentanti legali tagħha. F'dan il-każ il-konvenuta hija rreġistata f'Malta u r-rappreżentanza legali u ġudizzjali hija vestita f'kull wieħed mid-Diretturi tagħha jew persuna appuntata għal dan l-iskop mid-Diretturi. Fil-fatt il-konvenuta għandha direttur uniku li huwa wkoll

[1] CPR 24.2 taqra hekk: "The court may give summary judgment against a claimant or defendant on the whole of a claim or on a particular issue if (a) it considers that (i) the claimant has no real prospect of succeeding on the claim or issue; or (ii) that the defendant has no real prospect of successfully defending the claim or issue and (b) there is no other reason which the case or issue should be disposed of at a trial."

soċjeta` kummerċjali rreġistrata f'Malta. Milli jidher mill-verbal tal-udjenza tallum, din għandha fost l-oħrajn direttur residenti Malta, u l-avukat patroċinatur ma setax jispjega l-għala dan m'attendiex għas-seduta.

F'dan it-tip ta' proċediment, il-preżenza fiżika hija meħtieġa espressament mil-liġi. Skont Art. 167(2), ir-rikors ġuramentat għandu jkun fih "l-ordni **<u>lill-konvenut biex jidher</u>** quddiem il-Qorti fil-jum u ħin li jiġu mogħtija". U skont l-Art. 170, **<u>il-konvenut irid "jidher"</u>** [2]biex iressaq prova, bil-ġurament tiegħu jew xort'oħra, li għandu eċċezzjonijiet x'jagħti *prima facie*. Il-Qorti hija konxja minn sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li qalet hekk:

> "Illi l-artikolu 170 jibda bil-kliem 'jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi, jew, jekk jidher…' Minn din il-lokuzzjoni jidher diġa` li m'huwiex neċessarju li l-konvenut jidher personalment jew inkella jitqies bħala kontumaċi. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-fehma meta taqra l-istess artikolu mal-artikolu 201 tal-imsemmi Kodiċi li, b'riferenza għall-proċeduri quddiem il-Qrati Superjuri, il-konvenut ikun kontumaċi kemm-il darba 'il-konvenut jew l-avukat tiegħu' jonqos li jidher. Dan huwa konsonanti wkoll mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali."[3]

Bir-rispett kollu dovut lejn il-Qorti Superjuri, din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni. L-Artiklu 201 jirreferi għall-proċeduri ordinarji, li fihom il-liġi tagħti lill-konvenut l-alternattiva li jidher biss l-avukat tiegħu fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti. Għall-kuntrarju, fil-proċedura speċjali *de quo*, il-liġi ssemmi tassattivament li jrid jidher il-konvenut mingħajr ma tagħti l-alternattiva li jidher biss l-avukat tiegħu. Billi hija liġi speċjali, tidderoga mil-liġi ġenerali. Dan apparti li *ubi lex voluit, dixit.* Fil-

---

[2] L-enfasi huma tal-Qorti

[3] Frank Sammut v Michael Fenech 25.03.1991 LXXV.ii.563 Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) (S.T.O Giuseppe Mifsud Bonnici, Onor. Joseph A Herrera, Onor. Carmel A. Agius)

proċedura normali, wieħed jifhem li jista' jidher l-avukat biss, billi l-konvenut normalment ikun diġa' ppreżenta r-risposta ġuramentata u ħalifha. Għall-kuntrarju, fil-proċedura speċjali, sommarja u spedituża, il-leġislatur iqisha ferm impellenti li jidher l-imħarrek personalment u mhux l-avukat tiegħu biss, għal raġunijiet ovvji. F'din l-interpretazzjoni, l-Qorti mhix qiegħdha tistrieħ fuq l-awtorita` tagħha stess. Għandha l-konfort li l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, f'sentenza iktar riċenti minn dik fuq ċitata, irriteniet li l-preżenza fiżika kienet appuntu waħda miż-żewġ żvantaġġi mposti fuq il-konvenut f'din il-proċedura speċjali. Hija qalet hekk:

> "Il-ligi tal-proċedura diga` hawn qegħda tpoġġi l-konvenut f'pożizzjoni ta' żvantagg billi fl-ewwel lok **tesiġi l-preżenza fiżika tiegħu** fil-jum tas-smiegħ u mbagħad li hu jkun pront mid-difiża tiegħu biex jikkonvinċi lill-Qorti li kellu eċċezzjonijiet validi x'jagħti fuq bażi *prima facie*. F'tali ċirkostanzi, il-Qorti trid toqgħod attenta li ma tmurx oltre u taggrava allura bla bżonn u ulterjorment lill-konvenut…"[4]

Il-Qorti ssib li l-attur ipprova l-pretenzjonijiet tiegħu fil-mertu sal-grad rikjest mil-liġi permezz tal-fatti esposti fir-rikors ġuramentat tiegħu.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

[4] Valletta Aluminium and Wrought Iron v Carmen Grech 08.05.2001 Qorti tal-Appell (S.T.O. Joseph Said Pullicino, Onor. Joseph A. Filletti, Onor Franco Despasquale). Din is-silta ġiet ikkwotata in re: John Coleiro et v Louise Cutajar et f'sentenza tal-27.02.2015 mill-istess Qorti tal-Appell (S.T.O. Silvio Camilleri, Onor. Tonio Mallia, Onor. Joseph Azzopardi)

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi a tenur tat-talbiet tal-attur mingħajr ma jkun hemm is-smiegħ tal-kawża *ai termini* tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta naqset milli tħallas lura l-ammonti dovuti skont il-ftehim dwar il-faċilita` ta' kreditu datat 9 ta' Jannar 2019.

3. Tilqa' t-tielet talba billi tordna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur il-bilanċ rimanenti ta' € 1,320,000 (miljun tliet mija u għoxrin elf Ewro), li jirrappreżenta s-sorte dovut.

4. Tilqa' r-raba' talba billi tordna lis-soċjeta` konvenuta biex tħallas l-ammont ta' €89,096, li jirrappreżenta l-imgħaxijiet dovuti fuq il-Facilita` mogħtija sat-30 ta' Settembru 2020, kif ukoll bl-imgħax skont il-Ftehim sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA